# It-Talba għat-Twaqqif tal-Parroċċa - 400 Sena Ilu



Daħla kennija bħal dik ta' Bormla, fejn illum hemm il-baċir numru 1 tat-tarzna, għandna nifhmu li kienet tiġbed għadd ta' nies, x'aktarx sajjieda, minn żminijiet bikrija. Bormla kienet ilha tidher fuq il mapep ta' Malta.

Mal-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann, il-kavalieri qagħdu l-Birgu biex ikunu mal-baħar u din ix-xaqliba ta' Malta (illum imsejħa Kottonera), ħadet importanza kbira u saret 'iċ-ċentru prinċipali tal-ħajja ċivili u kummerċjali' kif igħid l-istoriku Charles Galea Scannura. L-għadd ta' abitanti f'Bormla żgur li kiber iżda fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565 saret ħerba, "Ħafna djar ta' Bormla... li kienu jiġu qrib il-posta ta' Aragona u San Mikiel, twaqqgħu', kiteb fid-djarju ta' l-Assedju, Francesco Balbi Di Correggio. Ma setax jonqos li matul it-taqbid Bormla ssir ħerba sħiħa.

Iżda wara l-Assedju Bormla ħadet ir-ruħ sew. Fiż-żjara ta' Mons. Pietru Dusina tad-19 ta' Frar, 1575 fil-knisja ta' Bormla magħrufa bħala 'Santa Marija tas-Sokkors' insibu popolazzjoni ta' madwar 1200 ruħ. Din il knisja kienet mibnija tajjeb u mdaqqsa; fiha kien jinżamm is-Sagrament. Tliet prokuraturi lajċi kienu jieħdu ħsiebha. Mons. Dusina, wara talba tal-poplu ppermetta lill-Bormliżi jżommu qassis biex iqaddes u jamministra s-sagramenti. Dan li għidna juri li l-komunita' Bormliża kienet diġa twaqqfet u kibret sew fl-1575, għaxar snin wara l-Assedju, iżda disa' snin wara sar pass konkret biex din il-komunita' tingħaraf u tinqata' għaliha.

**Fl-1 ta' Ġunju, 1584** tressqet talba quddiem Mons. Pietro Costa, supretendent ta' l-isqof, minn **Benedettu Rosso**, **Duminku De Modina**, **Ġlormu Russo** u **Marinu Gaudisio** li **f'isem il-Bormliżi talbu li Bormla ssir parroċċa. Dan kien 400 sena ilu.** Missirijietna ħassew li l-komunita' Bormliża kienet waqfet fuq saqajha. Wara din l-ewwel talba l-Bormliżi kkonfermawha fl-1586. Wara dan, fis-27 ta' Diċembru, 1587, tniżżel fi ftehim li sar għand in-nutar Andrea Alban li l-Bormliżi għażlu li jkunu taħt il-ħarsien tal-KUNĊIZZJONI. Dun Salv Burlo' kien beda jagħmilha ta' Viċi rettur mill-1585 u amministra anke ż-żwiġijiet, imma l-ewwel Kappillan kien **Dun Mikiel Kap.**

Huwa f'waqtu li din is sena, 1984, infakkru t-talba ta' missirijietna li saret fl-1584, 400 sena ilu. Dan li għidna jixhed ukoll il-qima lejn Marija Immakulata li kellhom il-Bormliżi sa' mill-qedem. Dik it-talba biex Bormla ssir parroċċa turi tabilħaqq żvilupp importanti kemm reliġjuż kif ukoll soċjali ġewwa Bormla. **S. A.**

Riferenzi — Charles Galea Scannura — 'Tagħrif Storiku Dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Bormla; 1983.